**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**

**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa l-Qorti Rimandanti)**

**Maġistrat Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Galea)**

**vs.**

**Maximiliano Genova**

Numru 121/2021

Illum it-tlieta (3) ta' Marzu 2021

Il-Qorti,

Rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Maximiliano Genova**, ta' disgħa u tletin (39) sena, ta' nazzjonalità Taljana, imwieled nhar il-21 ta'Awwissu 1981, iben Angelo Genova u Gabriella Quattrocchi, bla residenza fissa ġewwa Malta, aktar il-quddiem imsejjaħ l-estradant.

Rat l-atti kollha proċesswali tal-każ odjern, b'mod partikolari l-ħruġ ta' allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' *Schengen* għall-finijiet ta' estradizzjoni datat 2 ta' Marzu 2021, kif ukoll il-ħruġ ta' Mandat t'Arrest Ewropew maħruġ b'rikjesta ta' *Giudica per le indagini preliminari*, Dott. Andrea Filippo Castronuovo, mit-*Tribunale Di Catania*, *Sezione Del*

*Giudice per le indagini preliminari*, Catania, ġewwa ir-Repubblika Taljana datat l-1 ta' Marzu 2021 u l-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Avukat Ġenerali datat it-2 ta' Marzu 2021 *ai termini* ta' l-Artikoli 6 u 7 tal-Avviż Legali Numru 320 tas-sena 2004.

Rat dak li seħħ fis-seduta tallum fejn l-estradant inġieb il-Qorti fir-rigward tal-proċeduri odjerni u rat dak li ġie verbalizzat fl-istess seduta tallum fejn, fost l-oħrajn, il-Qorti ddikjarat li l-estradant huwa l-istess persuna fil-konfront ta' min inħareġ il-Mandat t'Arrest Ewropew imsemmi aktar-il fuq.

**Ikkunsidrat**

Illi, *ai termini* ta' l-Artikolu 11 tal-Avviż Legali 320 tas-sena 2004, il-Qorti nfurmat lill-estradant dwar il-kontenut tal-Allert u tal-Mandat ta' Arrest Ewropew maħrug kontra tiegħu.

Illi l-Qorti tat lill-estradant dik l-informazzjoni neċessarja dwar il-kunsens *ai termini* ta' l-Artikolu 11(2) tal-Avviż Legali 320 tas-sena 2004.

Illi l-Qorti spjegat lill-estradant l-import ta' l-Artikolu 43 ta' l-Avviż Legali 320 tas-sena 2004 u assigurat li d-dispożizzjonijiet ta' l-istess Artikolu gew osservati u miftehma mill-estradant.

Illi l-Qorti semgħet lill-estradant, volontarjament u preżenti l-abili difensur tiegħu u l-interpretu nominata, jiddikjara li huwa jixtieq jissottometti ruħu għall-Awtorita' Ġudizzjarja nvoluta u għalhekk qed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex jiġi estradit u mreġġi lura lejn l-Italja, u li huwa mhux qed jirrinunzja għad-dritt ta' speċjalita' koncess *ai termini* ta' l-Artikolu 18 tal-Avviż Legali 320 tas-sena 2004.

Illi wara li rat li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 43 tal-Avviż Legali 320 tas-sena 2004 ġew osservati u wara li rat Artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta) kif reż applikabbli bl-Artikolu 44 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (Avviż Legali 320 tas-sena 2004).

Għaldaqstant, il-Qorti, *ai termini* ta' Artikolu 45 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (Avviż Legali 320 tas-sena 2004

– ċioé Liġi Sussidjarja 276.05) tordna li l-estradant Maximiliano Genova għandu jinżamm taħt arrest sabiex jitregga′ lura lejn l-Italja fi żmien għaxart ijiem millum.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Maġistrat**